**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru 1/2010

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

MALTA

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**David Zerafa**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell tal-Avukat Ġenerali minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet premessi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali datata 21 ta' Ġunju 2011 (li iżda evidentement ingħatat realment fis-6 ta' Ġunju 2011, kif jirriżulta mill-verbal a fol. 152 fl-atti tal-proċeduri fl-ewwel istanza kif ukoll mill-paġna 8 tar-rikors

tal-appell, fol 178) li biha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat dwar in-nullita’ tat-tieni kap tal-Att ta’ Akkuża; ddisponiet mit-tieni eċċezzjoni tal-akkużat dwar l-inammissibilita’ ta’ kull riferenza għal informazzjoni anonima billi pprovdiet li hija u tindirizza lill-ġurati trid tiġbed l-attenzjoni tal-ġurati li informazzjoni anonima m’għanda ebda valur probatorju; iddisponiet mit-tielet eċċezzjoni tal-inammissibilita’ tan-notamenti tal-Ispettur Chris Pullicino billi pprovdiet li (a) n-notamenti magħmulin minn xi xħud biex jiffriska l-memorja huma ammissibbli proprju għal dan l-iskop – jiġifieri biex wieħed ikun jista’ jiftakar x’ġara – f’dan il-każ matul l-investigazzjoni, (b) id-difiża għandha dritt tarahom, (c) ma jagħmlux prova fil-konfront tal-akkużat u li jekk ikun hemm bżonn tindirizza lill-ġurija dwar dan; ċaħdet ir-raba’ eċċezzjoni tal-akkużat dwar l-inammissibilita’ tar-relazzjoni tal-patoloġisti għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza; ddisponiet mill-ħames eċċezzjoni billi pprovdiet li (a) jekk jitla jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti jkun jista’ jikkonferma jew le l-eżistenza tat-tali proċess, min kienu l-partijiet u min kienu l-avukati li qed jippatroċinaw lill-partijiet, (b) il-ġurati ma jingħatawx kopja ta’ xhieda jekk din b’xi mod tmur kontra l-artikolu 635 u (ċ) tkun il-Qorti li tiddeċiedi jekk hemmx xi folja jew folji (fuq talba tal-prosekuzzjoni jew tad-difiża) li tkun jew ikunu tassew relevanti għall-każ in eżami iżda li tingħata kopja ta’ dan il-proċess ut sic; ma laqgħetx is-sitt eċċezzjoni tal-akkużat dwar l-inammissibilità tax-xhieda ta’ Stephen Spiteri u ta’ Rodney Vella u ddisponiet dwarha billi rriteniet li tista’ – mhux fil-preżenza tal-ġurija – qabel ma jixhdu dawn ix-xhieda twissihom biex bl-ebda mod ma jirreferu għall-fatt li xi konversazzjoni saret fil-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin u li wieħed jifhem li imbagħad la l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiża ma jagħmlu mistoqsijiet dwar fejn saret jew saru l-konversazzjoni jew konversazzjonijiet u jekk il-ġurija tagħmel tali mistoqsija l-Qorti għandha tinġibdilha l-attenzjoni immedjatament sabiex ix-xhieda ma jweġbux tali domanda; laqgħat is-seba’ eċċezzjoni tal-akkużat dwar l-inammissibilità tal-istqarrijiet ta’ Stephen Spiteri et, b’dan li l-istess stqarrijiet setgħu jintużaw bħala forma ta’ kontroll b’dan li jkun assolutament fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk dawn jingħatawx lill-ġurija bi twissija li waqt li

m’għandhom ebda valur probatorju huma jkunu jistgħu jiżnu hix tingħad il-verità jew le.

**2.** Fis-sentenza tagħha appellata l-ewwel Qorti ddisponiet ukoll mill-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali fil-paragrafu (b) tan-nota tiegħu (dak li jingħad mill-Avukat Ġenerali fil-paragrafu (a) ma hi eċċezzjoni xejn iżda hi biss sottomissjoni tiegħu dwar eċċezzjoni tal-akkużat) u dan billi laqgħet dik l-eċċezzjoni fis-sens li in kwantu għax-xhud Clemia Zerafa din tkun produċibbli biss jekk ikun applikabbli l-artikolu 635(c) tal-Kap 9 u dan jistà jkun hemm deċiżjoni aħħarija matul il-ġuri skont jekk javverawx ruħhom il-kundizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tal-artikolu 635 msemmi, waqt li rigward it-tieni parti tal-eċċezzjoni (b), u ċioè rigward l-inammissibilità tal-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu sabiex jesebixxi l-fedina penali tax-xhieda Stephen Spiteri u Rodney Vella u dwar il-proċeduri penali pendenti fil-konfront ta’ l-istess xhieda, l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ma laqgħetx din l-eċċezzjoni ġaladarba l-ġurija trid tiżen ukoll il-karattru ta’ min qiegħed jixhed u li għalhekk l-isfond tax-xhieda tal-prosekuzzjoni ma jistax ikun eskluż.

**3.** David Zerafa, l-akkużat f’dawn il-proċeduri, kien akkużat, permezz ta’ Att ta’ Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fl-4 ta’ Jannar 2010 (nru 1/2010), fl-Ewwel Kap bħala reċidiv f’delitt, bħala ħati ta’ omiċidju volontarju u ċioè talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f’Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (l-Avukat Dr. Michael Grech) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f’periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; fit-Tieni Kap bħala reċidiv f’delitt ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f’Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, bla ordni skond il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekestrata; fit-Tielet Kap, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemija aktar il-fuq fl-istess kap t’akkuża, reċidiv f’delitt,

ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f’Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; fir-Raba’ Kap, ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f’Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f’post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet; fil-Ħames Kap, ħati talli fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq fl-istess kap t’akkuża, ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f’Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

**4.** B’nota tas-27 ta’ Jannar 2010 l-akkużat issolleva diversi eċċezzjonijiet iżda peress li mis-sentenza tal-ewwel Qorti dwar kif iddisponiet minn dawn l-eċċezzjonijiet ma sarx appell ma hux il-każ li din il-Qorti tiddilunga ulterjorment fuqhom.

**5.** B’nota tat-2 ta’ Frar 2010 l-Avukat Ġenerali ssolleva l-eċċezjonijiet tiegħu enumerati (a) u (b). L-hekk imsejjha eċċezzjoni (a) fil-fatt ma hi eċċezzjoni xejn iżda risposta għal eċċezzjoni sollevata mill-akkużat li ġiet deċiża fis-sentenza appellata iżda minn din il-parti tas-sentenza ma sarx appell.

**6.** Fil-paragrafu (b) l-Avukat Ġenerali ssolleva ulterjorment eċċezzjoni dwar ix-xhud Clemia Zerafa iżda mis-sentenza appellata fir-rigward ta’ dan ix-xhud ma sar ebda appell u għalhekk ma hux il-każ li din il-Qorti tindirizzaha f’din is-sentenza. Fl-istess paragrafu, iżda, l-Avukat Ġenerali fis-subparagrafu (ii) tiegħu, issolleva eċċezzjoni ulterjuri u peress li l-Avukat Ġenerali appellant ħassu aggravat bis-sentenza appellata bil-mod kif

iddeċidiet dwar din l-eċċezjoni l-istess Avukat Ġenerali qiegħed jinterponi l-appell preżenti.

**7.** L-eċċezzjoni (b)(ii), li għandha aktar minn nota ta' osservazzjonijiet milli minn eċċezzjoni, tgħid hekk:

"Kwantu għax-xhud numru 8, l-esponenti jemmen li l-iskop ewlieni wara x-xorta u l-andament tad-difiża b'din il-prova ser tkun tali li tinvolvi akkużi dwar il-karattru tax-xhieda tal-prosekuzzjoni Stephen Spiteri u Rodney Vella f'kuntest fejn jekk l-akkużat jagħżel li ma "joffrix" id-deposizzjoni tiegħu joħolqu preġudizzju serju u nġust fil-konfront tad-drittijiet tal-esponenti li ma jkunx possibbli għalih jirribatti. L-esponenti jirrikonoxxi li x-xiehda ta' dawn iz-zewġ xhieda tirrigwarda stqarrijiet li l-akkużat għamel lilhom waqt li kienu fi stat ta' kustodja – u dan il-fatt huwa evidenti u ma jista' bl-ebda mod jiġi mistur. Iżda mill-banda l-oħra kwalunkwe riferiment li jista' jsir mid-difiża relattivament għall-passat jew preżent kriminuż tal-imsemmija xhieda u dwar il-fedina penali tagħhom huwa tant manifestament irrilevanti għall-*facts in issue* f'dan il-każ li, fl-umli fehma tal-esponent jirrendi tali xiehda inammissibbli skond il-Liġi. Dan minħabba l-fatt li minn qari tal-fedina penali ta' dawn iż-żewġ xhieda) li hija prinċipalment mimlija b'reati kontra l-patrimonju u reati relatati mal-abbuż tad-droga) ma jirriżultawx reati li jistgħu b'xi mod jiġu mifhuma jew interpretati li minħabba fihom xhud ikun jista' jiġi attakkat bil-fatt li tali xhud għandu ġeneralment fama li ma jgħidx is-sewwa (bħal xi reati ta' kalunnja, sperġur jew ġurament falz). B'hekk b'tali prova, id-difiża ser tkun qegħdha tiġbed argumenti intiżi biex jitfgħu dell ikrah fuq tali xhieda u ser toħloq sitwazzjoni ta' preġudizzju serju u nġust fil-konfront tad-drittijiet tal-esponenti li ma jkunx possibbli għalih jirribatti fil-każ li l-akkużat jagħżel li ma "joffrix" id-deposizzjoni tiegħu."

**8.** Kif ġià rilevat, fis-sentenza tagħha datata 21 ta' Ġunju 2011 (*recte* 6 ta' Ġunju 2011) l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni msemmija enumerata fil-paragrafu (b)(ii) tan-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali u dan peress li rriteniet li l-ġurija trid tiżen ukoll il-karattru ta' min qiegħed

jixhed u għalhekk l-isfond tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma jistax ikun eskluż.

**9.** L-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza tal-Qorti Krimnali datata 21 ta' Ġunju 2011 (*recte* 6 ta' Ġunju 2011) fl-ismijiet premessi fuq imsemmija b'rikors tal-10 ta' Gunju 2011 fejn sostanzalment l-aggravji tiegħu jikkonsistu f'dan li ġej:

1) Qiegħed jara li l-iskop aħħari tal-prova mitluba ma hix waħda intiża li tindirizza l-*facts in issue* iżda tista' tkun parti minn skema difensiva li tiġi użata biex tagħti vantaġġ proċedurali inġust lid-difiża a skapitu tad-drittijiet tal-prosekuzzjoni;

2) Waqt li l-artikolu 459A tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi għall-prova tal-kondotta penali preċedenti tal-akkużat fl-eventwalità li l-akkużat jitla' jixhed u javveraw ruħhom iċ-ċirkostanzi previsti fl-istess artikolu, jekk l-akkużat jagħżel li ma jixhidx il-prosekuzzjoni ma tkunx tista' tirreferi għall-kondotta preċedenti tal-akkużat anki jekk dan ikun attakka l-kredibilità ta' xhieda tal-prosekuzzjoni permezz tal-kondotta preċedenti tagħhom.

4. Din il-Qorti f'diversi okkażjonijiet, kemm riċenti kemm ukoll mhux daqshekk riċenti[1], ripetutament ġibdet id-differenza bejn kwistjonijiet li jolqtu l-ammissbilità ta' provi u oħrajn li jinċidu fuq ir-relevanza tal-provi u rribadiet li f'dan l-istadju tal-proċeduri din il-Qorti għandha l-kompetenza tiddeċiedi dwar eċċezzjonijiet li jirrigwardaw l-ammissibilità ta' provi waqt li kwistjonijiet li jinċidu fuq ir-relevanza ta' provi huma f'dan l-istadju rimessi għall-ġudizzju tal-ewwel Qorti biex tirregolahom skont kif jiżvolgi l-ġuri u fid-dawl tal-impostazzjoni tal-każ tad-difiża u tal-prosekuzzjoni. Il-karatteristika ta' prova inammissibbli hi n-nuqqas ta' konformità ta' dik il-prova mal-kundizzjonijiet imposti mill-liġi għall-produċibilità tagħha, L-Avukat Ġenerali f'ebda stadju, anqas f'din l-istanza, ma ssenjala xi kondizzjoni, dispożizzjoni jew regola prevista mill-liġi li

[1] Ara Sent. Appell Kriminali Rep v Mustafa Ahmed El Gamoudi, 10 ta' Novembru 2011 u l-każistika hemm ċitata

teskludi l-produċibilità tal-prova li trid tressaq id-difiża u li huwa qiegħed joġġezzjona għaliha. Dak li jilmenta minnu l-Avukat Ġenerali huwa l-preġudizzju li jsostni li jista' jsofri jekk tiġi ammessa din il-prova għaliex jekk l-akkużat ma jixhidx huwa ma jkunx jista' jipprevalixxi ruħu minn dak previst fl-artikolu 459A tal-Kodiċi Kriminali. Dan, iżda, kif rilevat, ma jindirizzax l-ammissibilità tal-prova proposta mid-difiża iżda biss l-opportunità o meno tagħha mill-ottika tal-Avukat Ġenerali.

**5.** Salv kunsiderazzjonijiet tar-relevanza tal-prova proposta mid-difiża, li kif ġià relevat huma riservati f'dan l-istadju għall-ġudikant li jippresjedi l-ġuri, jekk prova hi ammissibbli skont il-liġi, allura kwalunkwe preġudizzju li tista' ssofri xi parti fil-proċess konsegwenza ta' dik il-prova jkun "preġudizzju" leġittimu skont il-liġi u kwalunkwe "vantaġġ", reali jew perċepit konsegwenza tal-ammissibilità ta' dik il-prova, ma jistax jitqies proċeduralment inġust għaliex dak il-vantaġġ ikun wieħed skont il-liġi. Kważi kull prova prodotta fil-kors tal-proċeduri kriminali tista' tkun "ta' preġudizzju", fis-sens li tagħmel ħsara, lil xi parti jew oħra, iżda dan b'ebda mod ma jfisser li dik il-prova tkun inammissibbli darba li ma tkunx eskluża jew tkun permessa mill-liġi.

6. L-ewwel Qorti rriteniet il-prova proposta mid-difiża bħala waħda relevanti in kwantu tinċidi fuq il-karattru ta' xhud. Il-provi produċibbli huma mhux biss dawk dwar il-*facts in issue* iżda wkoll dwar *facts relevant to the facts in issue* u l-kredibilità ta' xhud hi ċertament *a fact relevant to the facts in issue*. Inoltre, kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Repubblika ta' Malta v Frangisk Fenech**[2], il-fedina penali ta' persuna tista' dejjem tintuża għall-finijiet ta' kontroll tax-xhud.

7. Darba li l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, għalhekk, ma hix waħda ta' ammissibilità ta' provi din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tiegħu.

[2] App Krim 27 ta' Novembru 2008 #7

Għal dawn il-motivi tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Ġenerali bħala rritu u null u konsegwentement ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------